# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 685/2020 TA**

**Carmela sive Carol Walsh et.**

**vs**

**Robert Brincau et.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Robert Brincau tat-2 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposta ta' Carol Walsh tat-22 ta' Marzu 2022.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tirileva li f'dan l-istadju ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tiddilibera fuq il-valur o meno' tal-eċċezzjonijiet li Robert Brincau qiegħed jitlob li jgħati. Li kieku din il-Qorti kellha tipprovdi dwar il-fondatezza o meno, kemm fiċ-ċaħda jew fl-akkoljiment tat-talbiet odjerni, tkun qiegħda fil-fatt qed tiddeċiedi dawn l-eċċezzjonijiet fil-mertu.

Għalhekk din il-Qorti għandha tqies biss jekk mad-daqqa t'għajn, wara li rat l-atti kollha, għandhomx jintlaqgħu dawn it-talbiet f'dan l-istadju tal-kawża.

Wara li din il-qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ jidhrilha li dawn l-eċċezjonijiet jistgħu jingħataw.

Għaldaqstant qed tilqa' it-talba u tagħti għoxrin ġurnata żmien sabiex jiġu preżentati dawn l-eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Imħallef Toni Abela**

**Illum 9, ta' Mejju, 2022**